



Brussell, 7 ta' Frar 2019
(OR. en)

6083/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0011(NLE)**

**JAI 98
MIGR 12
FRONT 41
RELEX 94
COMIX 65**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5939/19
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar in-notifika tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq tax-xewqa tiegħu li ma jibqax jieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal- <i>acquis</i> ta' Schengen li jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 377/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar il-ħolqien ta' netwerk bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni – Adozzjoni

1. Fis-17 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għar-riformulazzjoni tar-Regolament dwar il-ħolqien ta' netwerk Ewropew tal-uffiċjali tal-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni (KE Nru 377/2004)¹, li fih ipparteċipa r-Renju Unit. Il-Kunsill irċieva din il-proposta bil-lingwi meħtieġa kollha fit-2 ta' Lulju 2018.
2. Fl-1 ta' Ottubru 2018, qabel l-iskadenza ta' tliet xhur kif meħtieġ, ir-Renju Unit innotifika lill-President tal-Kunsill bix-xewqa tiegħu li ma jipparteċipax fl-adozzjoni tar-riformulazzjoni tar-Regolament. Dan sar skont l-Artikolu 5 (2) tal-Protokoll Nru 19 dwar l-*acquis* ta' Schengen.

¹ 9036/18

3. F'konformità mal-proċedura applikabbli deskritta fl-Artikolu 5(3) tal-Protokoll Nru 19, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar in-notifika msemmija hawn fuq mir-Renju Unit, li d-delegazzjonijiet jistgħu jsibu fid-dokument 5939/19.
4. Il-Kummissjoni kkonkludiet li r-riformulazzjoni tar-Regolament tista' titqies bħala miżura awtonoma fl-*acquis* ta' Schengen, li ma tinteraġixxix b'mod operattiv ma' strumenti legali oħra li huma parti mill-*acquis* ta' Schengen. Għalhekk in-nuqqas ta' parteċipazzjoni tar-Renju Unit fir-riformulazzjoni tar-Regolament ma jaffettwax b'mod serju l-operabbiltà Prattika tal-partijiet l-oħra tal-*acquis* ta' Schengen u jirrispetta l-koerenza tagħhom.
5. Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet diskussa mill-Kunsillieri ĠAI fil-laqgħa tagħhom tal-5 ta' Frar, li fiha ma tqajmu l-ebda kummenti. Bħala tali, id-delegazzjonijiet huma f'pożizzjoni li jaqblu dwar il-proposta.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar in-notifika tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq tax-xewqa tiegħu li ma jibqax jieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 377/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar il-ħolqien ta' netwerk bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni, kif stabbilit fid-dokument 5979/19 bħala punt 'A' flaqgħa li jmiss.